*Nicholas Vassallo D. Litt*

# L-Istatwa u l-Purċissjoni ta' San Nikola mal-medda taż-żmien

Meta, matul is-sena, jiġu jżuruna xi barranin, jistagħġbu mhux ftit hekk kif isibu ruħhom fil-misraħ tagħna. Ħafna jistaqsu xi statwa hi dik li hemm f'nofs il-misraħ u l-knisja 'l fuq minnha. Iżda għalina li twelidna u trabbejna s-Siġġiewi kif ukoll għal dawk li ġew joqogħdu fostna, l-istatwa ta' San Nikola għandha sinifikat ta' għożża kbira: għalina hija parti sħiħa minn ħajjitna, mit-tifkiriet u t-tradizzjonijiet tagħna. Fuq kollox, hija parti sostanzjali mit-twemmin u l-ħajja reliġjuża tagħna.

Jekk nieqfu naħsbu ftit, malajr nintebħu b'dan kollu malli nidħlu hawn ġol-knisja u ndawru ħarsitna lejn il-kwadru titulari ta' Mattia Preti, fil-kor, hekk kif nilmħu x-xbieha tal-protettur u l-patrun tagħna b'ħarstu 'l fuq, lejn il-Missier Etern, li bil-qawwa tad-dawl tiegħu jifred is-sħab sewdieni li jdallam fuq il-ħajja f'din l-art. U meta wieħed joqgħod jirrifletti ftit, malajr jasal għall-konklużjoni li l-istatwi, il-pitturi, il-briju u l-festi għalhekk iservu: biex iġegħluna nerfgħu ħsibijietna lejn Alla, il-ħallieq u d-dawl ta' kollox. Tassew poeta kbir u għaref Patri Ġużè Delia meta 'l San Nikola jgħannilu hekk fl-innu li nkantaw b'tant entużjażmu:

*Inti d-dawl u l-qawwa tagħna;*
*Fit-tiġrib li jdallam fuqna*
*Inti dejjem waqaft magħna.*



Għaddew mitejn u ħamsa u sebgħin sena minn meta waslet fostna l-istatwa proċessjonali tal-qaddis patrun tagħna. Madankollu l-ġibda u l-qima tagħna lejn San Nikola ma tmajnax għax għandha għeruqha fil-fond. Diġà, xi mitt sena qabel l-1736, is-Siġġiewi kellu l-istatwa proċessjonali tat-titular tiegħu - dik li aħna nsejħulha *San Nikola l-Qadim* - li tinsab fin-niċċa ċkejkna li saret minflok il-*lavabo* fis-sagristija tal-knisja. L-istatwa l-qadima llum għandha qrib it-tliet mija u ħamsin sena. Għalkemm ma nafux jekk dak iż-żmien kellhiex niċċa, aktarx kienet tinżamm imlibbsa s-sena kollha kif narawha llum u kienet titqiegħed f'post xieraq għad-devozzjoni tas-Siġġiwin. Kellha wkoll mitra u simboli oħrajn li jfakkru li l-qaddis tagħna huwa r-ragħaj tagħna bħalma kien għall-Insara ta' Mira. Għas-6 ta' Diċembru kienet titqiegħed f'post prominenti għall-qima tal-pubbliku u tinħareġ f'purċissjoni. Ta' min isemmi li din hija l-eqdem statwa titulari eżistenti f'Malta llum. Qdiet dmirha sew u s-Siġġiwin dejjem żammewha b'għożża kbira għax dejjem emmnu, bħalma għadna nemmnu, li San Nikola, fil-ħalel tal-ħajja, dejjem hemm kien u dejjem hemm jibqa', lest biex jieqaf magħna.

L-istatwa l-ġdida li tagħha llejla qegħdin niċċelebraw il-275 anniversarju hija xogħol tal-iskultur Pietru Felici, imwieled fit-22 ta' Diċembru 1669 u mgħammed f'Ħal Qormi. Insibu li ta' sbatax-il sena Felici kien joqgħod l-Isla ma' missieru. Pietru, wisq probabbli, tħarreġ fl-iskultura ma' xi mgħallem li kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu fil-Kottonera fejn kienu jgħixu u jaħdmu familjari tal-iskulturi famużi Fabri u Zahra. Din hija l-ewwel statwa tal-injam, li nafu biha, maħduma minn Felici u waħda mill-eqdem statwi titulari fil-Gżejjer



Maltin. Jidher li Felici kien skultur ta' ħila kbira hekk li meta fl-1732 is-Siġġiwin raw il-ġmiel ta' statwa tal-ġebel wieqfa fuq il-pedestall f'nofs il-misraħ, quddiem il-knisja maestuża tagħna, malajr għaddielhom il-ħsieb li jqabbdu lill-istess skultur jonqxilhom statwa titulari li tixraq lill-knisja l-ġdida, did-darba fl-injam.

S'issa għad m'għandniex tagħrif jekk Pietru Felici talabx lil xi ħadd iħejjilu abbozz qabel ma medd idejh għal biċċa xogħol bħal din. Nafu li meta, sentejn wara, ħadem l-istatwa titulari ta' San Ġorġ għall-parroċċa ta' Ħal Qormi, ħa parir mingħand il-pittur Ġannikol Buhagiar filwaqt li fl-1741 għall-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju ta' Ħaż-Żebbuġ – ukoll tal-injam – Felici mexa fuq disinn magħmul apposta mill-istess Buhagiar, pittur Żebbuġi iżda mwieled minn omm Siġġiwija.

L-istatwa ta' San Nikola qamet ħamsa u disgħin skut li tħallsu f'ħames rati differenti bejn l-1736 u Lulju tal-1737. Il-pedestall inħadem mill-iskultur Ġużeppi Fabri. Niesna tassew kienu mimlijin kuraġġ, determinazzjoni u fidi biex daħlu għal spiża oħra meta matul l-erbgħin sena ta' qabel wettqu tant opri sbieħ u li jqumu flejjes kbar mhux biss fil-knisja imma wkoll fir-raħal. Iżda s-Siġġiwin qatt ma qatgħu qalbhom fejn jidħlu l-flus, u hekk għadhom sal-lum. Lejn l-1690, il-misraħ – jew kif nafuh illum 'il-pjazza' – kienet diġà tkabbret u ħadet bejn wieħed u ieħor is-sura ta' żmienna.

Kien hemm bosta drabi meta l-purċissjoni ma ħarġitx minħabba l-maltemp. Madankollu, aħna s-Siġġiwin għas-6 ta' Diċembru dejjem inġbarna hawn madwar il-patrun tagħna biex inqimuh u ngħidulu, "Grazzi, għażiż Missierna, ta' sena oħra li għaddiet minn fuqna." U magħna għall-festa dejjem ipparteċipaw ħafna li ma jkunux mir-raħal tagħna għax ġo qalbhom in-nies dejjem emmnu li l-festa ta' San Nikola tiftaħ il-festi tal-Milied u, minkejja l-ġranet qosra, il-kesħa u l-irxiex, il-purċissjoni ta' San Nikola f'Diċembru kienet preludju ta' ħeġġa u ta' eċċitament li jġib miegħu l-istaġun tal-festi.

Bħalma ħallielna miktub, ftit qabel miet, Patri Ġużè Delia, ix-xita kienet taqta' qalb xi wħud għax dak iż-żmien, min jiġi minn barra r-raħal, kien irid jikri karozzin. U t-toroq ma kellhomx x'jaqsmu ma' tal-lum! Delia jgħidilna wkoll li meta joħroġ jum bnazzi u tilmaħ mill-bogħod, fid-dalma ta' filgħaxija, il-knisja u d-djar tal-misraħ ilellxu b'dawk it-tazzi taż-żejt ta' lwien differenti, ma tistax ma tissaħħarx! Wieħed irid iqis ukoll li minħabba l-fatt li l-purċissjoni ddur biss fil-pjazza kennija mill-irjieħ u qrib il-knisja, in-nies aktar tithenna bl-atmosfera festiva, bid-daqq tal-qniepen, bit-tiżjin tal-bandalori u l-festuni tal-liedna. Għalhekk mill-1736 'l hawn il-purċissjoni bl-istatwa ta' San Nikola dejjem fil-pjazza saret. Jien niftakar biss żewġ okkażjonijiet meta għaddiet mit-toroq tar-raħal tagħna: meta reġgħet ġiet indurata fl-1959 u fl-1998. Fl-1959 inħadmu wkoll l-erba' gastri tal-fidda għal mal-pedestall, flok dawk tal-injam.

Ta' min isemmi wkoll li l-isparar u d-daqq tal-mużika issa ilhom jallegraw il-festi ta' barra qrib it-tliet mitt sena. Għall-ewwel il-mużiċisti kienu limitati ħafna: kienu jimxu mal-purċissjoni bid-daqq tat-tanbur, it-tamborlini u forsi żewġ strumenti oħra. Iżda maż-żmien baqgħu dejjem jiżdiedu sa ma kienet iffurmata l-Banda Nikolina li mbagħad saret il-Banda San Nikola. Fil-bidu tas-seklu l-ieħor il-purċissjoni ħadet xejra differenti meta, għal xi snin, l-istatwa tal-Madonna tad-Dawl, li l-festa tagħha kienet tiġi għall-aħħar ta' Novembru, bdiet toħroġ ma' San Nikola fis-6 ta' Diċembru biex b'hekk ma jsirux żewġ purċissjonijiet qrib wisq ta' xulxin.

Meta, imbagħad, għall-ħabta tal-Aħħar Gwerra, il-purċissjoni tħassret kemm-il darba minħabba l-maltemp, is-Siġġiwin għamlu bħal irħula oħra u talbu lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi biex il-festa tkun trasferita għax-xhur tas-sajf għax il-festa mingħajr il-purċissjoni donnha ma tilħaqx il-milja tagħha! B'hekk, il-festa għal dawn l-aħħar sittin sena, saret dejjem fis-sajf, għall-ewwel fil-bidu ta' Ġunju u mbagħad fl-aħħar Ħadd tal-istess xahar. Għalhekk l-impenji mill-għaqdiet u mill-kumitati tal-festa żdiedu bil-bosta kemm għal dak li hu armar kif ukoll għan-nar. Żdiedu wkoll il-mixegħla u t-tiżjin tal-knisja kemm ġewwa kif ukoll barra. Wara li l-parroċċa tagħna ġiet mgħollija għad-dinjità arċipretali, il-kleru tas-Siġġiewi ħafna drabi stieden dinjitarji magħrufa biex imexxu l-funzjonijiet jew lill-kapitlu ta' xi kolleġġjata biex jieħu sehem fil-purċissjoni. Ma' dawn kienu jiġu wkoll bosta funzjonarji oħrajn bħall-mazzier u t-tintinnablu libsin kappell wiesa' bir-rixa bajda. B'hekk il-purċissjoni kienet tieħu dehra ta' solennità. Bil-Konċilju Vatikan it-Tieni l-purċissjonijiet saru aktar sempliċi.

Iżda l-fehma u l-qalb tagħna jxettlu mill-ġdid u għadhom jixxettlu minn sena għal sena għax, bħal m'għedna fil-bidu, għalina l-istatwa ta' San Nikola għandha tifsiriet wiesgħa li jinfirxu matul il-medda tas-snin. Għalina l-istatwa għandha wirt kulturali Nisrani li rċevejna mingħand missirijietna, wirt li wara mitejn

*ikompli f'paġna 38*



*ikompli minn paġna 31*

u ħamsa u sebgħin sena għadu jbaqbaq f'demmna, sar biċċa mill-ħajja tagħna ta' kuljum. Il-vara, mela, tixgħelilna moħħna bil-memorji u d-drawwiet tagħna li ssawru f'ħajjitna sa mill-bidu. Fi ftit kliem, ma nistgħux nifirdu l-istatwa mill-festa, mill-purċissjoni, mill-istorja tar-raħal tagħna. Lilna l-istatwa tal-qaddis protettur tagħna timlielna qalbna bil-ħeġġa u bl-imħabba għalih. Il-ħarsa t'għajnejh u l-qagħda rpużata tiegħu huma xhieda tal-fidi u tal-imħabba tiegħu għalina. Dik it-tiwja tal-pallju fuq spalltu x-xellugija kif ukoll it-tinjiet tar-rokkett u tal-pjaneta jagħtuna ħjiel tal-ħerqa li San Nikola dejjem wera lejn il-merħla li l-Mulej fdalu mhux biss f'ħajtu iżda wkoll matul is-sekli. Tisthajjel żiffa ħelwa tobromlu l-paramenti sagri waqt li tassew għaddej minn fostna jqawwilna qalbna u jberikna. Iż-żewġ anġli għerja tal-pedestall ifakkruna fil-mirakli u l-qdusija tiegħu, hu li neża' mill-ġid tad-dinja biex kiseb fis-sema, għalih u għalina, teżori li ma jintemmu qatt. Fl-istatwa tal-patrun tagħna Felici daħħal għadd ġmielu ta' dettalji li jfakkruna min kien, u min hu għalina, San Nikola. Kollox jixhed il-ħila artistika u l-kobor tas-sengħa ta' Pietru Felici. Kien skultur ta' dehen u ħila mill-aqwa; ħallielna biċċa xogħol li tassew tagħmel unur lilu u lil missirijietna li kkommissjonawhielu: opra li turina d-doni sbieħ u tal-għaġeb li bihom il-Ħallieq żejjen lil San Nikola u l-qaddisin tiegħu.

Għalhekk waqt il-ħruġ tal-istatwa min-niċċa, il-Ħadd ta' qabel il-festa, dan it-tempju jidwi bil-kant tal-innijiet u ċ-ċapċip tagħna. Għalhekk nhar il-festa, hekk kif San Nikola jfeġġ fil-bieb tal-knisja, il-pjazza kollha tixgħel bil-ferħ, ferħ li jinfirex sal-irħula tal-bogħod mal-isparar u d-daqq tal-qniepen: għax il-vara għalina mhijiex sempliċement opra artistika. Dik il-ħarsa ta' mħabba tiegħu isserrħilna moħħna, tfarraġna, tisirqilna qalbna. San Nikola għalina huwa ħaj. Bejna u bejnu hemm rabta li ma jħolluha qatt is-snin. Mhux ta' b'xejn minn għadmu għadha tnixxi l-manna minkejja li għaddew elf u seba' mitt sena minn mewtu. Id-dehra tal-istatwa tiegħu tfakkarna li għalkemm għal bosta xhur narawh magħluq fin-niċċa, xorta waħda jħarisna u jieħu ħsiebna erbgħa u għoxrin siegħa kuljum; għalina huwa l-qalb li tħabbat xorta waħda minkejja li nkunu reqdin.

***Nicholas Vassallo D. Litt.***

*(Dan l-artiklu huwa d-diskors li l-awtur qara waqt il-kunċert li sar fil-knisja parrokkjali nhar il-Ħadd 4 ta' Diċembru 2011 għall-għeluq taċ-ċelebrazzjoni fl-okkażjoni tal-275 sena mill-miġja tal-istatwa titulari ta' San Nikola fostna. F'dan l-artiklu l-awtur żied biss xi osservazzjonijiet dwar id-drappeġġ tal-vara li kellhom jitħallew barra fid-diskors waqt il-kunċert minħabba nuqqas ta' ħin.)*

# Fil-Festa li ġejja

## Avviżi importanti għall-parroċċani kollha fi żmien il-festa

- L-Arċipriet il-Kan. Joe Grech, flimkien mal-kleru, jawgura lil kulħadd IL-FESTA T-TAJBA u jirringrazzja lil dawk kollha li jgħinu għas-suċċess tal-festa.
- Nistennew li fil-festa jkollna mġiba tajba u moderata waqt iċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru barra u waqt il-marċi. Is-Siġġiwin huma magħrufa bħala nies twajbin u magħquda. Ma nħallux il-piki u t-tgħajjir iħassrulna din il-fama tagħna.
- Inqisu li t-tiżjin li għandna għat-toroq jintrama kollu kemm hu. Prosit u grazzi lil dawk li jieħdu ħsiebu. Prosit u grazzi wkoll lil dawk li jżejnu l-galleriji u l-bjut għal żmien il-festa. Grazzi u prosit lill-Grupp tal-Armar.
- Meta niġbru għall-festa nħallu f'idejkom għax nafu li l-festa tħobbuha u triduha u għalhekk tifhmu li xieraq tagħtu offerta tajba. Grazzi.